Nru./No. 19,333
Prezz/Price
€3.24

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 24 ta' Ottubru, 2014
Friday, 24th October, 2014

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 12,293 - 12,299
Government Notices ..... *12,293 - 12,299*

Avviż lill-Baħħara ..... 12,299 - 12,300
Notice to Mariners ..... *12,299 - 12,300*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 12,300 - 12,308
Employment Opportunities ..... *12,300 - 12,308*

Avviżi tal-Gvern ..... 12,308 - 12,315
Notices ..... *12,308 - 12,315*

Offerti ..... 12,315 - 12,357
Tenders ..... *12,315 - 12,357*

Avviżi tal-Qorti ..... 12,357 - 12,360
Court Notices ..... *12,357 - 12,360*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1077

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 66 imsejjaħ Att tal-2014 dwar Vittmi tal-Kriminalità.

L-24 ta' Ottubru, 2014

Nru. 1078

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordnat illi l-Onor. Louis Grech, BA, MA (Oxon), MP, Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar il-Ħamis, it-23 ta' Ottubru, 2014, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA (Hons), MA(European Studies), PhD (Bristol), MP.

It-22 ta' Ottubru, 2014
(OPM/81/2013/VIII)

Nru. 1079

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

NGĦARRFU b'din illi minħabba u għall-finijiet tal-Artikolu 96 (1) tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili (Kap. 55), il-Prim Ministru ta' Malta nnomina lil Dr Keith Francis German, BA, LLD, Nutar Prinċipali tal-Gvern, sabiex jaqdi d-dmirijiet ta' Konservatur jew Arkivista fl-Arkivju Nutarili ta' Malta.

L-24 ta' Ottubru, 2014

Nru. 1080

ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR (KAP. 378)

Ħatra ta' Membru fuq il-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 4 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili approvat il-ħatra tas-Sa Evelyn Chetcuti bħala membru fuq il-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur.

L-24 ta' Ottubru, 2014

GOVERNMENT NOTICES

No. 1077

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 66 entitled the Victims of Crime Act, 2014.

24th October, 2014

No. 1078

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Louis Grech, BA, MA (Oxon), MP, Deputy Prime Minister and Minister for European Affairs and Implementation of the Electoral Manifesto, assumes the additional duties of the Prime Minister, on Thursday, 23rd October, 2014, during the absence from Malta of the Hon. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA (Hons), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP.

22nd October, 2014

No. 1079

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

IT is hereby notified that pursuant to and for the purposes of Article 96(1) of the Notarial Profession and Notarial Archives Act (Cap. 55), the Prime Minister of Malta has designated Dr Keith Francis German, BA, LLD, Chief Notary to Government, to carry out the duties of Keeper or Archivist at the Notarial Archives in Malta.

24th October, 2014

No. 1080

CONSUMER AFFAIRS ACT (CAP. 378)

Appointment of a Member on the Consumer Affairs Council

IN exercise of the powers conferred by Article 4 of the Consumer Affairs Act, and for the purpose of that Act, the Minister for Social Dialogue, Consumer Affairs and Civil Liberties has appointed Ms Evelyn Chetcuti as member on the Consumer Affairs Council.

24th October, 2014

Nru. 1081

ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA (KAP. 291)

Għażla ta' Tribunal Reġjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (11) tal-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għażel it-Tribunal Reġjonali taż-Żejtun, li jinsab fi "Ġnien San Girgor", Triq id-Daħla ta' San Tumas, Iż-Żejtun, bħala l-post li fih, b'seħħ mill-1 ta' Novembru, 2014, isiru seduti tal-Kummissarju għall-Ġustizzja biex jinstemgħu akkużi ta' kontravenzjonijiet skedati u delegati u magħmula f'xi lokalità tar-Reġjun Xlokk.

L-24 ta' Ottubru, 2014

No. 1081

COMMISSIONERS FOR JUSTICE ACT (CAP. 291)

Designation of Regional Tribunal

IN exercise of the powers conferred by subarticle (11) of Article 4 of the Commissioner for Justice Act, the Minister for Justice, Culture and Local Government has designated the Żejtun Regional Tribunal, situated at "Ġnien San Girgor", Triq id-Daħla ta' San Tumas, Żejtun, as the place where, with effect from 1st November, 2014, sittings of the Commissioner for Justice shall be held for the hearing of charges for scheduled offences, delegated and committed in any locality of the South East Region.

24th October, 2014

Nru. 1082

ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA (KAP. 291)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (11) tal-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Kummissarji tal-Ġustizzja, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għażel lit-Tribunali Reġjonali li ġejjin bħala l-postijiet li fihom isiru s-seduti tal-Kummissarji għall-Ġustizzja b'seħħ immedjat.

Tribunal Reġjonali Tramuntana li jinsab f'116, Triq Ġulju, San Pawl il-Baħar, biex jinstemgħu akkużi ta' kontravenzjonijiet skedati, delegati u magħmula f'xi lokalità tar-Reġjun tat-Tramuntana.

Tribunal Reġjonali Għawdex li jinsab fl-NGO Centre, Triq il-Madonna tar-Rummiena, Ix-Xewkija, biex jinstemgħu akkużi ta' kontravenzjonijiet skedati, delegati u magħmula f'xi lokalità tar-Reġjun ta' Għawdex.

Tribunal Reġjonali Nofsinhar li jinsab f'395, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, biex jinstemgħu akkużi ta' kontravenzjonijiet skedati, delegati u magħmula f'xi lokalità tar-Reġjun Nofsinhar.

Tribunal Reġjonali Ċentrali li jinsab fi Triq San Mikiel, San Ġwann, biex jinstemgħu akkużi ta' kontravenzjonijiet skedati, delegati u magħmula f'xi lokalità tar-Reġjun Ċentrali.

Tribunal Reġjonali tax-Xlokk li jinsab fi Ġnien San Girgor, Triq id-Daħla ta' San Tumas, Iż-Żejtun, biex jinstemgħu akkużi ta' kontravenzjonijiet skedati, delegati u magħmula f'xi lokalità tar-Reġjun Xlokk.

Ir-Reġjuni msemmija huma skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Kap. 363 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-24 ta' Ottubru, 2014

No. 1082

COMMISSIONERS FOR JUSTICE ACT (CAP. 291)

IN exercise of the powers conferred by subarticle (11) of Article 4 of the Commissioners for Justice Act, the Minister for Justice, Culture and Local Government has designated the following Regional Tribunals as the places where sittings of the Commissioners for Justice shall be held with immediate effect.

Northern Regional Tribunal situated at the 116, Triq Ġulju, San Pawl il-Baħar, for the hearing of charges for scheduled offences, delegated and committed in any locality of the Northern Region.

Gozo Regional Tribunal situated at the NGO Centre, Triq il-Madonna Tar-Rummiena, Xewkija, for the hearing of charges for scheduled offences, delegated and committed in any locality of the Gozo Region.

Southern Regional Tribunal situated at 395, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, for the hearing of charges for scheduled offences, delegated and committed in any locality of the South Region.

Central Regional Tribunal situated at Triq San Mikiel, San Ġwann, for the hearing of charges for scheduled offences, delegated and committed in any locality of the Central Region.

South East Regional Tribunal situated at Ġnien San Girgor, Triq id-Daħla ta' San Tumas, Żejtun, for the hearing of charges for scheduled offences, delegated and committed in any locality of the South East Region.

The Regions mentioned are in accordance with the provisions of the Local Councils Act, Cap. 363 of the Laws of Malta.

24th October, 2014

Nru. 1083

ELEZZJONI KAŻWALI 2014 – TA' KERĊEM

Dikjarazzjoni tar-Riżultat ta' Elezzjoni Każwali

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali fl-Elezzjoni Każwali ta' Kunsillier, li saret fl-20 jum ta' Ottubru, 2014, biex jimtela l-post li tbattal minn Grech Saverio, Kunsillier għal-lokalità hawn fuq imsemmija, hawnhekk ngħarrfu illi l-poloz tal-votazzjoni fil-pakkett issiġillat tal-Kunsillier li l-post tiegħu tbattal, ġew eżaminati u trasferiti skont il-liġi lill-kandidat nominat validament u li r-riżultat huwa kif jidher hawn taħt:–

No. 1083

CASUAL ELECTION 2014 – TA' KERĊEM

Declaration of Result of a Casual Election

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Casual Election of a Councillor, held on the 20th day of October, 2014, to fill the seat vacated by Grech Saverio, an elected Councillor for the said locality, do hereby give notice that the ballot papers in the sealed parcel of the vacating Councillor were duly examined and transferred according to the validly nominated candidate and that the result is as shown hereunder:–

Numru ta' voti fil-Pakkett / *Number of votes in Parcel* } **177**

Numru ta' Kunsilliera li għandhom jiġu eletti / *Number of Councillors to be elected* } **1**

Kwota / *Quota* } **89**

Isem tal-Kandidat *Name of Candidate*	Għadd 1 *1st Count* Voti *Votes*
PARTIT LABURISTA ATTARD JOHN	159E
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	18
Total *Total*	177

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi ATTARD JOHN ġie kif mistħoqq elett Kunsillier għal-lokalità msemmija hawn fuq.
WE do hereby declare that is duly elected Councillor for the above-mentioned locality.

Id-data tal-lum l-20 jum ta' Ottubru, 2014
Dated this 20th day of October, 2014

JOSEPH CHURCH
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

M. CALLUS, N. CUTAJAR, V. GANADO, P. SAMMUT
S. SANT, J. SCICLUNA, R. ZAMMIT, J. ZAMMIT MAEMPEL

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

Nru. 1084

BORD TAL-APPELL DWAR IR-RIFUĠATI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi s-Sur Peter Paul Caruana nħatar Membru fuq il-Bord tal-Appelli - Awla 3 dwar ir-Rifuġjati minflok is-Sur George Doublesin, BA (Gen.) Dip. Ar. Studies (Riyadh), MA Cert. Diplomatic Studies (Oxon).

Din il-ħatra tibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Lulju, 2016.

L-24 ta' Ottubru, 2014

No. 1084

REFUGEE APPEALS BOARD

IT is notified for general information that Mr Peter Paul Caruana has been appointed as Member on the Refugee Appeals Board - Chamber 3 in lieu of Mr George Doublesin, BA (Gen.) Dip. Ar. Studies (Riyadh), MA Cert. Diplomatic Studies (Oxon).

The nomination will remain valid until the 31st July, 2016.

24th October, 2014

Nru. 1085

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372)

Avviż skont l-Artikolu 29

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 29(1) tal-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, id-Direttur Ġenerali (Dipartiment tat-Taxxi Interni) b'dan javża lill-persuni/kumpaniji msemmija aktar 'l isfel biex imorru fit-Taqsima tat-*Tax Audits/Tax Compliance Unit* fi Blokk 4 tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, Il-Furjana, fi żmien tletin ġurnata minn dan l-avviż sabiex jiġbru l-avviżi magħmula fuqhom.

Isem *Name*	Referenza *Reference*
AO Operations Limited	993444031
Bonnett Bartholomew	444966M
Cassar Francis	515465M
Falzon Noel	87362M
Fortudol Company Limited	993142220
JF Caterers Limited	992993521
Sammut Jason	478074M
T & TMC Limited	995280403
Vassallo Anthony	314959M
Xuereb Dennis	197261M

L-24 ta' Ottubru, 2014

No. 1085

INCOME TAX MANAGEMENT ACT (CAP. 372)

Notice in terms of Article 29

IN terms of the proviso to article 29(1) of the Income Tax Management Act, the Director General (Inland Revenue Department) hereby notifies the persons/companies listed hereunder to call at the Tax Audits Section/Tax Compliance Unit at Block 4 of the Inland Revenue Department, Floriana, within thirty days of this notice to collect the notices made on such persons/companies.

24th October, 2014

Nru. 1086

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

B'Ordni tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, tat-13 ta' Awwissu, 2014, qed tiġi mwaqqfa l-inabilitazzjoni temporanja mill-eżerċizzju tal-professjoni notarili inflitta fuq in-Nutar Dr Philip Said bid-digriet tagħha tas-7 ta' Awwissu, 2014.

Illum, l-Erbgħa, 13 ta' Awwissu, 2014.

JANET CALLEJA
Għar-Reġistratur Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 1086

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

By an order given by the Court of Revision of Notarial Acts, dated 13th August, 2014, the temporary incapacitation from the exercise of the notarial profession of Notary Dr Philip Said as per decree dated 7th August 2014, is being ceased.

Today, Wednesday 13th August, 2014.

JANET CALLEJA
For the Registrar Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1087

ID-DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ) JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

IS-SUR Godwin Warr, Direttur Ġenerali (Kummerċ), reġa' daħal għal dmirijietu nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Ottubru, 2014, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1024 tat-Tlieta, 14 ta' Ottubru, 2014, huma b'din imħassrin.

L-24 ta' Ottubru, 2014

No. 1087

RESUMPTION OF DUTIES OF DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

MR Godwin Warr, Director General (Commerce), resumed duties on Friday, 17th October, 2014, and the arrangements referred to in Government Notice No. 1024 of Tuesday, 14th October, 2014, are hereby being cancelled.

24th October, 2014

Nru. 1088

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: PA 02745/09 (EA 00028/14)
Post: VCS Ltd., Triq Burmarrad, In-Naxxar
Proposta: *Master plan* għall-iżvilupp ta' żona industrijali eżistenti f'park industrijali *state-of-the-art*

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fit-22 ta' Awwissu 2014 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fit-13 ta' Ottubru, 2014.

Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 02745/09 (EA 00028/14)
Location: VCS Ltd., Triq Burmarrad, Naxxar
Proposal: Master plan for the development of existing industrial use into a state of the art industrial park.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 22nd August 2014 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 13th October, 2014.

Impatti potenzjali *Potential Impacts*	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** ***Remarks on mitigation measures, etc.***
Ħolqien ta' skart	Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni kif proposti għandhom jiġġeneraw 130,000 metru kubu ta' skart inert. F'dan ir-rigward, mhux mistennija ebda impatti ambjentali sinifikanti minħabba li parti tas-sit ġie diġà użat bħala barriera fil-passat, u huwa mistenni li l-materjal skavat għandu jerġa' jiġi użat. Waqt ix-xogħlijiet, l-impatti jistgħu jiġu mitigati b'mod adegwat permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni identifikati fl-*Environmental Management Construction Site Regulations*, 2007 (Avviż Legali 295 tal-2007, kif emendat).

Waqt l-operat, skart iġġenerat mill-attività industrijali għandu jiġi ġestit skont ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar tal-Iskart, b'distinzjoni bejn skart perikoluż u skart mhux perikoluż. Kull skart għar-riċiklaġġ għandu jiġi maħżun separatament u trasportat mis-sit għal skopijiet ta' riċiklaġġ. F'dan ir-rigward, m'huma previsti l-ebda impatti sinifikanti matul il-fażi tal-operat.

Waste generation

The proposed construction works are likely to generate 130,000 cubic metres of inert waste. In this regard, no significant environmental impacts are envisaged given that part of the site has been used as a quarry in the past, and it is being assumed that the extracted material is likely to be of good quality and thus can be re-used both on and off-site. During works, impacts can be sufficiently mitigated through the application of mitigation measures identified in the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007, as amended).

During operations, waste generated from the industrial activity is to be managed in accordance with the appropriate Waste Management Regulations, distinguishing between hazardous waste and non-hazardous waste. Any waste to be recycled is to be stored separately and transported from the site for recycling purposes. In this regard, no significant impacts are envisaged during the operational phase.

Impatt fuq l-ilma

L-impatti fuq l-ilma mhux meqjusa bħala sinifikanti minħabba fejn jinsab is-sit u t-topografija tiegħu. Jista' jkun hemm tixrid matul il-fażi ta' kostruzzjoni li jistgħu jiġu mtaffa permezz ta' l-applikazzjoni xierqa tal-miżuri ta' mitigazzjoni identifikati fl-*Environmental Management Construction Site Regulations*, 2007, (Avviż Legali 295 tal-2007, kif emendat), flimkien ma' miżuri oħra *standard* għall-iżviluppi industrijali. L-applikant għandu jsegwi ukoll r-rakkomandazzjonijiet ipprovduti permezz ta' *Construction Management Plan (CMP)* u dawk proposti fl-Istima tar-Riskju b'Rabta mal-Ilma tal-Pjan, sottomess bħala parti mill-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp.

Matul l-operat, miżuri *standard* ibbażati fuq id-disinn u l-operat għandhom ikunu biżżejjed biex jiżguraw li ma jkunx hemm riskji ta' kontaminazzjoni tal-art jew tal-ilma minn tixrid ta' materjal tossiku. Huwa maħsub li dawn il-miżuri jkunu inklużi bħala kundizzjonijiet fil-proċess tal-permess tal-iżvilupp.

Impact on water

Impact is not considered to be significant given the site location and topography. Potential spillages during the construction phase can be mitigated through the proper application of appropriate mitigation measures identified in the Environmental Management Construction Site Regulations, 2007 (Legal Notice 295 of 2007, as amended), combined with other relatively standard permit safeguards for industrial developments. Applicant is to follow the recommendations provided through a detailed Construction Management Plan (CMP) and those proposed in the Risk Assessment in Relation to Groundwater Supply, submitted as part of the development planning application.

During operation, a combination of standard design-based and operational measures should be sufficient to ensure that there are no risks of contamination of land or water from releases of pollutants. It is envisaged that such measures are duly factored directly into the mainstream development permitting and environmental permitting mechanisms.

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserve the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

L-24 ta' Ottubru, 2014

24th October, 2014

Nru. 1089

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold* *Grams*	*Pure Silver* *Grams*
24.10.14	€31.868	€0.467

L-24 ta' Ottubru, 2014

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 29 tal-2014

Taħriġ ta' Sparar Attiv mir-Ranges ta' Pembroke
27 ta' Ottubru, 2014

Id-Direttorat għall-Portijiet u l-*Yachting*, Transport Malta, jgħarraf li l-Forzi Armati ta' Malta se jmexxu taħriġ ta' sparar attiv fir-*Ranges* ta' Pembroke nhar it-Tnejn, is-27 ta' Ottubru, 2014. It-taħriġ ta' sparar se jsir bejn is-7.00 a.m. u l-5.00 p.m. ħin lokali, (0600 hours sa 1600 hours UTC).

It-taħriġ se jsir f'żona magħluqa bil-pożizzjonijiet li ġejjin:

Minn Pożizzjoni A:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35º 55'.90	14º 28'. 53

u minn hemm fuq *bearing* ta' 335 True x 8.5 mili nawtiċi għal:

Pożizzjoni B:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
36º 03'.60	14º 24'.10

u minn hemm fuq ark ta' ċirku b'raġġ ta' 8.5 mili nawtiċi ċċentrat fil-pożizzjoni A għal:

No. 1089

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold* *Grams*	*Pure Silver* *Grams*
24.10.14	€31.868	€0.467

24th October, 2014

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 29 of 2014

Live Gunnery Firing Practice from Pembroke Ranges
27th October, 2014

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies that the Armed Forces of Malta shall conduct a live gunnery firing exercise from the Pembroke Ranges on Monday, 27th October, 2014. The firing exercise will take place between 7.00 a.m. to 5.00 p.m. local time, (0600 hours to 1600 hours UTC).

The exercises will take place within the area enclosed by the following positions:

From Position A:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35º 55'.90	14º 28'. 53

thence on a bearing of 335 True x 8.5 nautical miles to:

Position B:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
36º 03'.60	14º 24'.10

thence on an arc of a circle radius 8.5 nautical miles centred on position A to:

Pożizzjoni C:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
36º 00' .15	14º 37'. 45

u minn hemm fuq *bearing* ta' 240 True għall-pożizzjoni A.

Il-bastimenti kollha fil-qrib għandhom jgħaddu b'kawtela u jżommu tal-anqas tmien mili nawtiċi u nofs (8.5NM) 'l hinn mix-Xatt ta' Pembroke fid-dati u l-ħinijiet imsemmija. Il-baħħara għandhom jobdu l-istruzzjonijiet li jingħataw mill-inġenji tal-baħar tal-FAM fl-inħawi u mill-Valletta VTS (Valletta Port Control Channel 12)

Charts affettwati: BA 194, 2537 u 2538

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM

L-24 ta' Ottubru, 2014

MINISTERU GĦAD-DJALOGU SOĊJALI, AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR, U LIBERTAJIET ĊIVILI

Pożizzjoni ta' Amministratur tal-Proġett fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata s-17 ta' Ottubru, 2014)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijet tal-Konsumatur, u Libertajiet Ċivili jilqa' applikazzjonijiet minn Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għall-pożizzjoni ta' Amministratur tal- Proġett (IF 2013 – 17, 'MIND D GAP). Dan il-proġett huwa kofinanzjat mill-Fondi Ewropej għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi.

Tul tal-*Assignment* u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' (8) tmien xhur (sat-30 ta' Ġunju 2015) bħala Amministratur tal-Proġett fil-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, li jista' jiġi mġedded għal perjodi ieħor.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Amministratur tal-Proġett hija soġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt xhur.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni hija marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew it-tlestija ta' kompitu speċifiku, taqa'

Position C:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
36º 00' .15	14º 37'. 45

thence on a bearing of 240 True to position A.

All vessels in the vicinity must proceed with caution and keep at least eight and a half nautical miles (8.5NM) off the Pembroke Coast on the dates and times indicated. Instructions given by AFM craft patrolling the area and Valletta VTS (Valletta Port Control Channel 12) are to be complied with at all times.

Chart affected BA 194, 2537 and 2538

Positions referred to WGS 84 DATUM

24th October, 2014

MINISTRY OF SOCIAL DIALOGUE, CONSUMER AFFAIRS AND CIVIL LIBERTIES

Position of Project Administrator in the Office of the Permanent Secretary in the Ministry of Social Dialogue, Consumer Affairs and Civil Liberites

(Capacity building approval dated 17th October, 2014)

"In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender".

The Permanent Secretary, Ministry for Social Dialogue, Consumer Affairs and Civil Liberties (MSDC) invites applications for the position of Project Administrator for IF2013-17 – 'Mind D Gap' Project co-financed by the European Funds for the Integration of Third Country Nationals.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into an eight (8) month assignment (ending by 30th June 2015) as a Project Administrator in the Ministry for Social Dialogue, Consumer Affairs and Civil Liberties, which may be renewed for further periods.

2.2 The first six months of this engagement shall be under probation.

2.3 Since this is a position is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an

taħt Regolament 7 (4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat "Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss."

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' Amministratur tal-Proġett huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (bħalissa €23,997).

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta'Amministratur tal-Proġett jinkludu:

(a) Monitoraġġ tal-progress ta' kull fażi kritika tal-proġett u jikkollabora mal-*Project Leader*;

(b) Jipprepara rapporti dwar l-istatus tal-proġett u jirrappreżenta lill-*Project Leader* f'laqgħat li jsiru minn żmien għall-ieħor, mal-FPD u entitajiet oħra, skont iċ-ċirkostanzi;

(c) Jipprovdi informazzjoni u kull tip ta' għajnuna oħra waqt awditjar li jsiru mill-awtoritajiet rilevanti;

(d) Imexxi laqgħat u aġġornament dwar il-progress tal-proġett kif mitlub mill-*Project Leader;*

(e) Iżomm id-dokumentazzjoni kollha neċessarja, inkluż dawn ta' xiri u fatturi, kif ukoll iż-żamma fl-ordni tal-*files* tal-proġett skont il-Manwal tal-Proċeduri 2007-2013;

(f) L-appart ta' servizzi u materjal ieħor skont kif neċessarju għal dan il-proġett;

(g) Joħloq appalti u kuntratti skont ir-regolamenti tal-Kuntratti Pubbliċi, u kull dokumentazzjoni oħra relatata mal-akkwisti;

(h) Iżomm id-dokumentazzjonijiet neċessarji, inkluż kwotazzjonijiet li jinġiebu, fatturi u jżomm din l-informazzjoni kollha fis-*SOLID Information System* (SIS);

(i) Jassisti lill-*Project Leader* fl-issettjar tal-iskeda ta' infiq, u jikkordina l-implimentazzjoni ta' din l-iskeda;

(j) Jorganizza u jikkordina laqgħat interni, konferenzi u attivitajiet pubbliċi li jiffurmaw parti mill-proġett;

(k) Jikkordina mal-Analisti tar-Riċerka u msieħba relattivi oħra sabiex attivitajiet marbuta ma' dan il-proġett ikunu suċċess;

(l) Imexxi awditjar sabiex jassigura li l-attivitajiet jissodisfaw l-obbligazzjonijiet tal-proġett;

objective reason in terms of 7(4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled "Contracts of Service for a Fixed Term Regulations".

Salary pegged to the position

3. The salary attached to the position of Project Administrator is equivalent to the maximum point of Salary Scale 7 (currently €23,997).

Duties

4. The duties of Project Administrator include:

(a) Monitor progress of each critical phase of the project and liaise with the Project Leader;

(b) Prepare status reports and attend periodical briefing meetings on behalf of the Project Leader with FPD and other entities as may be required;

(c) Provide information and any other necessary assistance during audits conducted by relevant authorities;

(d) Conduct briefings and updates about the progress status of the project as requested by the Project Leader;

(e) Maintain all the necessary documentation, including purchase documents and invoices and the upkeep of the project files as per Manual of Procedures 2007-2013;

(f) Procuring of services and materials as required under the project;

(g) Draft the relevant tenders and contracts as per Public Contracts Regulations and any other documentation related to procurement;

(h) Maintaining all the necessary documentation, including quotations obtained and invoices, and inputting of these documents in the SOLID Information System (SIS);

(i) Assist the Project Leader in defining the disbursement schedule breakdown, and coordinate the implementation schedule;

(j) Organize and coordinate internal meetings, conferences and public events that form part of the project;

(k) Liaison with all Research Analysts and relevant stakeholders for the successful implementation of project related activity;

(l) Conduct audits to ensure that activities fulfill the project's obligations;

(m) Iwettaq xogħol ieħor skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku kif mitlub mis-Segretarju Permanenti

(n) Jipprovdi informazzjoni u assistenza oħra fl-awditjar li jkun qed isir mill-awtoritajiet rispettivi

(o) Jagħmel kwalunkwe doveri u dmirijiet oħra relatati mal-proġett taħt id-direzzjoni u istruzzjonijiet tal-*Project Leader*

(p) Kwalunkwe doveri oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku u skont kif dirett mis-Segretarju Permanenti

(q) Kwalunkwe doveri oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku u skont kif dirett mis-Segretarju Permanenti Ewlieni

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' din il-pożizzjoni jistgħu jinkisbu mill-(humanresources.msdc@gov.mt) jew mill-uffiċċju tar-Riżorsi Umani, MSDC, Xatt il-Barriera, Il-Belt Valletta, Tel: 2090 8316.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

(m) Prepare status reports and attend periodical briefing meetings as may be required from time to time

(n) Provide information and any other necessary assistance during audits conducted by relevant authorities

(o) Carry out duties, directly related to the project under the direction and instructions of the project leader

(p) Any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Permanent Secretary

(q) Any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary

Further details of the job description of the position may be obtained from (humanresources.msdc@gov.mt) or the HR Office, MSDC, Barriera Wharf, Valletta, Tel: 2090 8316.

Eligibility requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw tajjeb bil-Lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) (a) ikollhom fil-pussess tagħhom *post-graduate degree* (*Masters*) f'Livell tal-MQF 7, fl-Istudji Ewropej jew Studji Internazzjonali jew Studji dwar l-Immaniġġar, jew Xjenza Politika/Studji dwar Benesseri Soċjali jew Studji Legali jew studju f'area oħra relatata, jew kwalifiki oħra li tista' tikkompara ma' dan u li hija rikonoxxuta, kif ukoll sena (1) esperjenza ta' xogħol; jew

(b) ikollhom fil-pussess tagħhom *first-degree* (Masters) f'Livell tal-MQF 6, fl-Istudji Ewropej jew Studji Internazzjonali jew Studji dwar l-Immaniġġar, jew Xjenza Politika/Studji dwar Benesseri Soċjali jew Studji Legali jew studju f'area oħra relatata, jew kwalifikazzjoni oħra li tista' tikkompara ma' dan u li hija rikonoxxuta, kif ukoll tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol relevanti: jew

(c) tkun uffiċjal pubbliku fi skala mhux inqas minn Skala 10 u sitt snin esperjenza ta' xogħol f'qasam relevant.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki imsemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa ghall-applikazzjonijiet.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġàqegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorita' oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 5.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u għandhom għarfien ma' aspetti differenti tal-benesseri soċjali.

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) must be proficient in the Maltese and English Languages;

(iii) (a) in possession of a recognized post-graduate degree (Masters') at MQF Level 7, in European Studies or International Studies or Management Studies or Public Policy or Social Sciences/Social Wellbeing or Legal Studies or a related area of study, or a recognized, comparable qualification, plus one (1) year relevant work experience; or

(b) in possession of a recognized first degree at MQF Level 6, in European Studies or International Studies or Management Studies or Public Policy or Social Sciences/ Social Wellbeing or Legal Studies or a related area of study, or a recognized, comparable qualification, plus two (3) years relevant work experience; OR

(c) being a Public Officers in a Scale not below Scale 10 with six (6) years relevant work experience.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 5.1, have proven relevant work experience and are knowledgeable with different aspects of social wellbeing.

5.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

8. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur (Servizzi Korporattivi), Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fil- Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijet tal-Konsumatur, u Libertajiet Ċivili sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, l-14 ta' Novembru, 2014. L-applikazzjonijiet jistgħu ukoll jiġu sottomessi permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

kundizzjonijiet applikabbli oħrajn;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti

jinstabu fis-sit elettroniku tad-Direttorat tar-*Resourcing*, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika

5.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of supporting documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

7. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position.

Submission of applications

8. Applications, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received by Director (Corporate Services), Human Resources Office at the Ministry for Social Dialogue, Consumer Affairs and Civil Liberties by not later than noon (Central European Time) of Friday, 14th November, 2014. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications, as shown above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

other applicable conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration Human Resources Office at the address:

fl-indirizz (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=799) jew jinkisbu mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, MSDC. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-indirizz tal-*email* tad-Dipartiment riċeventi huwa (humanresources.msdc@gov.mt).

(http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=799) or may be obtained from Human Resources Office, MSDC. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the e-mail address of the receiving Department is (humanresources.msdc@gov.mt).

L-24 ta' Ottubru, 2014

24th October, 2014

Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni ta' Migrazzjoni
Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (FI)
Proposta għal Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' ko-finanzjament: 75% Fondi UE: 25% Fondi mill-Benefiċjarju
Ġestjoni Sostenibbli ta' Influssi ta' Migrazzjoni

General Programme Solidarity and Management of Migration Flows
European Fund for the Integration of Third Country Nationals
Project proposal to be part-financed by the European Union
Co-financing rate: 75% EU Funds; 25% Beneficiary Funds
Sustainable Management of Migration Flows

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Pożizzjoni ta' *Programme Manager (Finance)* fil-Ministeru għall-Finanzi

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata 17.10.2014)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil

Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Programme Manager (Finance)* fil-Ministeru għall-Finanzi.

Tul tal-*Assignment* u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *Programme Manager (Finance)* fil-Ministeru għall-Finanzi, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' *Programme Manager (Finance)* hija soġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3.1 Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Programme Manager (Finance)* huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (bħalissa €23,997). Jekk il-persuna magħżula

MINISTRY FOR FINANCE

Position of Programme Manager (Finance) in the Ministry for Finance

(Capacity building approval dated 17.10.2014)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender

The Permanent Secretary, Ministry for Finance invites applications for the position of Programme Manager (Finance) in the Ministry for Finance.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as a Programme Manager (Finance) in the Ministry for Finance**,** which may be renewed for further periods.

2.2 The position of Programme Manager (Finance) is subject to a probationary period of twelve (12) months.

Salary pegged to the position

3.1 The salary attached to the position of Programme Manager (Finance) is equivalent to the maximum point of Salary Scale 7 (currently €23,997). If the selected candidate

jkollha *Certified Public Accountant Warrant* tingħata wkoll *allowance* ta' €3,000 fis-sena pagabbli kull erba' ġimgħat.

3.2 Il-persuna magħżula tkun intitolata wkoll għall-*performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku tagħha, suġġett għal xogħol sodisfaċenti.

Dmirijiet

4**.** Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Programme Manager (Finance)* jinkludu:

(a) il-kontroll mill-viċin u b'mod regolari ta' *financial* u *management accounts*, dħul, infiq, u pjan ta' infiq;

(b) li tipprepara rendikont finanzjarju u ta' negozju, *status reviews* u *assessments*, *cost-benefit analysis*, rapporti fuq immaniġġar finanzjarju u dokumenti oħra;

(c) il-kontroll mill-viċin u analizzar ta' tibdil mill-miri finanzjarji, estimi u allokazzjonijiet;

(d) li tagħmel każ u tidentifika possibbiltà ta' tnaqqis fin-nefqa bl-użu ta' numru ta' mekkaniżmi differenti, bħal *audits, benchmarking* u għodda moderni oħra;

(e) li tirreġistra kull attività u li tikkompila rapporti/reġistri li jservu bħala bażi biex jittieħdu deċiżjonijiet finanzjarji għaqlija;

(f) li tagħmel kull xogħol ieħor kif imqabbda mis-Segretarju Permanenti u d-Direttur Ġenerali, *Budget Affairs* fil-Ministeru għall-Finanzi*;*

(g) li taqdi dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(c) (i) ikollhom *post-graduate degree* (*Masters*) rikonoxxuta f'Livell 7 tal-MQF fl-*Accountancy*, jew kwalifika oħra rikonoxxuta, xierqa u komparabbli, u sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti;

jew

is in possession of a Certified Public Accountant Warrant, he/she will also receive an allowance of €3,000 per annum payable every four weeks.

3.2 The selected candidate will also be entitled to a performance bonus of up to a maximum of 10% of his/her basic salary, subject to positive performance.

Duties

4. The duties of Programme Manager (Finance) include:

(a) monitor closely and regularly financial and management accounts, revenue, spending and expenditure plans;

